MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR**
**RAPHAEL FENECH ADAMI**

Seduta ta' l-4 ta' Dicembru, 2009

Talba Numru. 774/2009

Dr Stefano Filletti LL.D. bhala stralcjarju tas-socjeta Interpharma Co Ltd (Client-child-7674)

vs

BKD Pharma Limited (C-33561)

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fis-17 ta Settembru 2009, fejn intalab sabiex is-socjeta konvenuta tigi kkundannata thallas lis-socjeta attrici s-somma ta' erba mija u disgha u sebghin euro tnejn u ghoxrin centezmu (Euro 479.22c) rapprezentanti prezz ta' prodotti farmacewtici u prodotti ohra mibjugha u konsenjati lis-socjeta ntimata fuq talba taghha stess kif jirrizulta mill-annessi invoices markati Dok 1 sa Dok 12.

Illi s-socjeta ntimata kienet giet interpellata inutilment tramite l-annessa ittra legali markata Dok 13;

Bl-ispejjes inkluzi dawk ta' l-ittra legali datata 9 ta' Settembru 2008 (Dok 13) u bl-imghaxijiet sad-data tal-pagament effettiv kontra s-socjeta konvenuta minn issa ngunta ghas-subizzjoni.

Ra n-nota tal-mistoqsijiet tal-attur ghas-subizzjoni tas-socjeta konvenuta sabiex twiegbu ghalihom bil-gurament taghha u biex b'hekk il-kreditu hawn pretiz jigi ippruvat (Artikolu 698(2) u 702 tal-Procedura Civili);

Ra illi ghalkemm is-socjeta konvenuta kienet notifikata legalment b'dawn il-proceduri hija naqset li jikkontesta t-talba attrici u anqas ma dehret la fis-seduta tal-20 ta' Novembru 2009, meta gie pprezentat l-Kapitolu ghas-subizzjoni taghha u lanqas ghas-seduta ta' llum, u ghalhekk in-nota tal-mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra;

Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz inkluz id-dokumenti esebiti.

Ghaldaqstant peress illi t-talba attrici tirrizulta soddisfacentement pruvata, u wara li ra l-Artikolu 13 (b) ta' l-Att V ta' l-1995, it-Tribunal qieghed jilqa' t-talba attrici u konsegwentement jikkundanna lis-socjeta konvenuta sabiex thallas lis-socjeta attrici s-somma kif rikjesta fl-ammont ta' Euro 479.22c (erba mija u disgha u sebghin euro tnejn u ghoxrin centezmu) bl-imghaxijiet legali dekorribbli mid-data rispettiva ta' kull invoice u bl-ispejjes kollha ta' din l-istanza kontra l-istess socjeta konvenuta.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------